MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 79

9 ta' Jannar 2013

Minuti tal-Ewwel Parti tas-Seduta Nru. 79 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 9 ta' Jannar 2013.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar kien skużat minħabba inpenn ieħor.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 78, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 4122/10 – *Bus shelter* f'Ghajn Tuffieha (B/6/Vol V)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju għarraf li l-konsulent legali tal-Kunsill ingħata abbozz ta' tweġiba li għandha tingħata lill-kumpanija Faces Consultants Ltd, skont id-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti, wara li l-istess kumpanija ippreżentat stima ta' €4,773.10 sabiex il-*bus shelter* in kwistjoni jiġi spusstjat. Is-Sur C. Debono għarraf li l-parir tal-avukat dwar dan kien għadu ma ngħatax.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2013 (A/5/3/1/Vol XII)(P/10/3/Vol II)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill ġie nfurmat li kemm Mons. Victor Grech, kif ukoll l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech wieġbu li ma jistgħux jattendu.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir stedina lill-Kappillan Joe Caruana sabiex l-attivita` ewlenija ta' nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2013, tkun taħt il-patroċinju tiegħu.

2.2.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saret sejħa dwar in-nominazzjonijiet għall-onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent il-Mellieħa. Billi d-data tal-għeluq ġiet iffissata għas-16 ta' Jannar 2013 kien hemm qbil li ssir laqgħa dwarhom eżattament wara.

2.2.5. Is-Sindku għarraf li x-xogħol fuq il-proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ wasal fi stadju avvanzat u għalhekk ippropona li dan jiġi nawgurat, bħala parti mill-attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill, nhar is-Sibt 2 ta' Frar 2013.

## 2.3.1. Skema dwar il-manutenzjoni tal-komun fl-appartamenti tal-Gvern (B/7)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li ssir laqgħa għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu fit-12 ta' Jannar 2013, sabiex jiġu ndikati persuni residenti f'kull blokka f'Ta' Pennellu bil-għan li jagħmluha ta' *Condominium Coordinators*.

2.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.4.1. Milied Mellieħi 2012 (A/5/3/6/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-andament tal-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2012 kien tajjeb ħafna, kemm mil-lat ta' kontenut, kif ukoll f'dik li hija konkorrenza tal-pubbliku.

2.4.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li mid-dħul li kien hemm mill-bejgħ tal-ikel li sar mill-għaqdiet tal-Mellieħa preżenti taħt it-tinda waqt Milied Mellieħi, saret għotja ta' €8,550 lid-Dar tal-Providenza. Għall-preżentazzjoni li saret fl-1 ta' Jannar 2013, attendew flimkien miegħu, wħud mill-Kunsillieri u membri minn diversi għaqdiet Melleħin involuti.

2.4.4. Dwar l-ispejjeż marbuta mal-kunċert tat-*tribute band* ABBA Gold, is-Sindku għarraf li dawn talbu ħlas ta' €3,800, li €1,000 minnhom għamel tajjeb għalihom il-Kunsill, filwaqt li l-bqija ġew koperti direttament minn *sponsors*. Għal-kunċert li sar fin-Nadur intalab l-istess ħlas. L-ispiża tal-akkomodazzjoni ġiet sponsorjata mill-Maritim Hotel Antonin & Spa tal-Mellieħa.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Talbiet għal toroq *one-ways* fil-Manikata (T/3/2/Vol X)

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għad-diversi nterventi li saru minn resident mill-Manikata fuq l-istazzjoni tar-radju RTK, fejn allega li l-Kunsill irtira talba li saret lill-Transport Malta sabiex tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* li tinvolvi Triq il-Manikata u Sqaq Ħarruba. Is-Sur R. Cutajar qal li dan assolutament mhux minnu għar-raġuni li dan l-arranġament ma jistax jiġi mplimentat billi Transport Malta ma tqisx Sqaq Ħarruba bħala triq skedata. Dan irriżulta mill-appell li sar mill-Kunsill mal-MEPA dwar l-għoti ta' din it-triq bil-konkos biex ma tinġarx mill-ilmijiet.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-opinjoni espressa mis-Sindku.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 03/01/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/12/12 – 03/01/13;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 08/12/12 – 19/12/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz tal-Estimi 2013;
- Skeda ta' pagamenti approvati mill-Agenzija tal-Pagament (Minsiteru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali) matul l-2012 b'rabta mal-proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun;
- Minuti tad-*Tender Adjudication Board* – 07/01/13
- Skeda ta' rati kkwotati wara Sejħa għall-Offerti 19/2012 applikati fuq servizzi peritali li ntalbu b'rabta mal-Proġett ta' Tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Periklu fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 14 ta' Diċembru 2012, mibgħut mis-Sur Tony Vella fejn talab li jsiru *speed humps* qrib il-*pedestrian crossing* li hemm fl-istess triq, qrib l-Iskola Primarja. Huwa għamel din il-proposta billi diversi sewwieqa mhux jikkalkolawha meta ma jkunx hemm tfal tal-iskola.

**4.1.3.** Il-Kunsill kien tal-fehma li l-introduzzjoni ta' *rumble strips* ikun aktar f'loku u għalhekk iddeċieda li din il-proposta tiġi mgħoddija għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

### 4.2.1. Kumpens għal ħsarat – Triq l-Armier iż-Żgħir (D/5/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' Ottubru 2012, mibgħuta mis-Sur Armando Cassar fejn qed jallega li sofra danni fir-rota tal-vettura tiegħu Nru. LEO149, wara li fit-12 ta' Ottubru 2012 huwa waqa' f'ħofra li hemm fl-istess triq. Ippreżenta wkoll rapport li huwa għamel mal-Pulizija.

4.2.3. Wara li l-Kunsill ra r-ritratt mehmuż mat-talba, kien hemm qbil li t-tip ta' ħofra ndikata m'għandiex tikkawża d-danni mitluba.

### 4.3.1. Attivitajiet fl-okkażjoni tal-Jum Marittimu Ewropew (A/5/6)

4.3.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 12 ta' Diċembru 2012, fejn il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni flimkien mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu għamlu stedina sabiex jiġu organizzati attivitajiet fl-okkażjoni tal-Jum Marittimu Ewropew fil-5 ta' Mejju 2013.

4.3.3. Il-Kunsill, għalkemm kien tal-fehma li din l-istedina hija waħda nteressanti, dehrlu li ma jkunx prudenti li jikkommetti l-Kunsill li ser jibda l-mandat tiegħu f'April 2013. Għalhekk ġie deċiż li tingħata tweġiba sabiex jiġi rreġistrat l-interess tal-Kunsill, iżda d-dettalji jkunu jistgħu jingħataw aktar tard.

### 4.4.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (T/4/3/Vol II)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 2 ta' Jannar 2013, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn id-19 u d-29 ta' Marzu 2013. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.4.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters* u qabel ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess. Intalab ukoll sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-organizzatturi sabiex ma jħallu xejn fuq il-post hekk kif jitneħħew il-kartelluni.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' Jannar 2013

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn it-8 u d-19 ta' Diċembru 2012. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-9 ta' Diċembru 2012 u t-3 ta' Jannar 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

### 7.1. Estimi Finanzjarji 2013 (F/1/24)

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-abbozz tal-Estimi 2013 li tqassmu lil kull kunsillier qabel is-seduta. Kopja tal-istess estimi qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

7.3. Is-Sur C. Debono fakkar li skont id-diskors tal-baġit mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, il-vot tal-Gvern għall-Kunsilli Lokali żdied minn €32 miljun għal €32.4 miljun. Għalhekk ġie preżunt li l-Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, għas-sena 2013 ma tkunx inqas minn dik tal-2012 (€990,000). Oltre dawn il-Kunsilli Lokali ser jibbenefikaw minn diversi skemi, li jistgħu jirriżultaw fi dħul addizzjonali. Fil-parti l-kbira tagħhom jappellaw għall-Mellieħa, hekk li fl-2012, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien kommess li jgħaddi 'l fuq minn €610,000 minn dawn is-sorsi. L-iskemi li bbenefika minnhom il-Kunsill kienu jinvolvu oqsma differenti li jvarjaw mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u konferenzi, investiment f'enerġija alternattiva, il-librerija pubblika, u *resurfacing* ta' toroq, u t-tisbiħ taċ-ċentru storiku.

7.4. Is-Segretarju spjega li meta wieħed jara d-dħul kontra l-infieq li kien hemm fis-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, huwa mistenni li din tingħalaq bi żbilanċ ta' ftit iktar minn €571,000. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-awditur li fl-1 ta' Jannar 2012, kien hemm bilanċ fil-kontijiet tal-bank ta' ftit inqas minn €1,305,000. Dan għamilha possibbli li s-sena finanzjarja 2013 tibda b'bilanċ pożittiv ta' €1,178,000, wara li nqatgħu l-ispejjeż kollha tal-2012. Huwa stmat ukoll li fis-sena 2013 ikun hemm dħul ieħor aparti l-allokazzjoni annwali li jlaħħaq €280,000, mill-iskemi, drittijiet li jitħallsu għall-ħruġ ta' permessi, eċċ. Flimkien ma' dawn ser ikun hemm l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, li flimkien ser jiffinanzjaw in-nefqa rikorrenti u l-proġetti kapitali li ppjana l-Kunsill.

7.5. In-nefqa rikorrenti hija stmata li tlaħħaq €902,000 li 13% minnha ser jintefqu fuq Salarji, 28% tmur fuq l-Amministrazzjoni, 21% fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, filwaqt li 38% ser tintefaq fuq Servizzi Kuntrattwali. In-nefqa rikorrenti għall-2013 mistennija li tiżdied fuq dik tal-2012 b'7%. Dan peress li fl-aħħar xhur ġew konklużi numru ta' proġetti kapitali li ser iġibu magħhom spiża akbar biex jinżammu fi stat tajjeb. Il-Park tal-Familja ssemma bħala eżempju wieħed. Minħabba li dawn il-postijiet ġew attrezzati bi dwal, *water features* li jinvolvu konsum u manutenzjoni, ser ikun żieda fuq l-ispiża rikorrenti matul l-2013 u aktar 'il quddiem.

7.6. Is-Segretarju spjega li huwa mbassar illi fis-sena 2013 n-nefqa kapitali tlaħħaq €829,000. Il-proġetti kapitali ewlenin li ser jiġu ffinanzjati matul l-2013 ser ikunu:

- L-iffinanzjar tax-xiri tal-fond li ser jintuża bħala Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, skont il-kuntratt li sar mal-Mellieħa Sports Club, kif ukoll ir-rinovar tiegħu;
- L-iffinanzjar tax-xogħol li sar fi Triq l-Armier skont il-ftehim tal-*Public Private Partnership*;
- *Committments* fuq kuntratti li ngħataw dwar il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ li aċċennajt għalihom aktar qabel, b'mod partikulari dawk relatati mad-dwal, ir-*rubber flooring* u x-xogħol tal-*printed concrete*;
- *Committments* li għad fadal mal-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa;
- *Committements* marbuta mal-proġetti tal-*landscaping* li sar fi Ġnejnet il-Mellieħa, quddiem l-Iskola u r-rinovar tal-installazzjoni elettrika fi Ġnien il-Qigħan; u
- Proġetti ġodda li ser jiġu ntrodotti għall-ewwel darba fl-2013 bħalma huma l-proġett tal-*Heritage Trail* ġewwa l-Manikata u t-Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fl-istess raħal.

7.7. Is-Segretarju fakkar li s-sena 2013 ser tkun waħda li matulha jeħtieġ li jiġu konklużi numru sinifikanti ta' proġetti li tnedew fis-snin preċedenti. Meta jitqies dan, wieħed jifhem li ma jkunx possibbli li dawn jinbdew u jitlestew f'sena waħda, partikularment fl-aspett amministrattiv u finanzjarju tagħhom. Hawnhekk huwa ġibed l-attenzjoni li l-*budget* tal-Kunsill mhux qed jieħu in konsiderazzjoni l-proġett ta' €1.07 miljun illi jinvolvi Selmun u l-Imġiebaħ, li qed jitwettaq mill-Kunsill b'kofinanzjament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti, liema proġett huwa skedat li jitlesta fl-ewwel nofs tal-2013.

7.8. Is-Sindku aċċenna għall-vot 3320 dwar l-Ispejjeż tal-Konferenzi u ppropona li dan għandu jiġi ffissat għal €10,000 sabiex jagħmel tajjeb għall-organizzazzjoni tal-*Young Reporters Conference* li hija skedata li ssir fi Frar 2013, kif ukoll opportunitajiet simili li jistgħu jinqalgħu matul is-sena. Is-Sur R. Cutajar ppropona wkoll li taħt il-vot 3380 ikun hemm l-istess ammont sabiex jintuża għat-titjib meħtieġ li jsir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja, kif ukoll jintlaħqu ħtieġijiet marbuta mat-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u n-*Night Shelter* f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

7.9. Il-Kunsill approva l-estimi u qabel li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` għandha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 fis-6.00pm, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-**

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma' Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (15/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2013, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi skont ma' jidher mill-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012 u dawk tas-seduta Nru. 78 tas-17 ta' Novembru 2012, saret evalwazzjoni taż-żewġ offerti li ġew sottomessi u ġie rakkomandat li l-kuntratt għandu jingħata lill-E.L.C. Ltd, a bażi ta' prezz u kwalita` ta' servizz mogħti fil-passatt;**

**Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-istess Environmental Landscapes Consortium Ltd, bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Frar 2013, bil-ħlas annwali offrut ta' €21,429, liema somma tipprovdi għall-assenjazzjoni ta' żewġ ħaddiema fil-lokalita` assistiti minn minn ħaddiema oħra ta' l-istess offerent, skont il-ħtieġa.". (K/6/3/Vol II)**

8.1. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

**9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-**

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-żamma tal-qsari f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Belveder tas-Sur, u postijiet oħra għaddielu t-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (16/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li jeżistu fondi biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi skont ma' jidher mill-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012 u dawk tas-seduta Nru. 78 tas-17 ta' Novembru 2012 saret evalwazzjoni tal-ħames offerti li ġew sottomessi u ġiet irrakkomanda dik ta' Gardentech għab-bażi ta' servizz diġa mogħti fi snin preċedenti, kif ukoll għat-taħriġ tekniku li l-l-istess offerent jippossjedi;**

**Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lis-Sur Stefan Said (Gardentech) bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Frar 2013 skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (K/6/3/Vol II)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

**10.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech, illi tgħid:**

**"Billi l-kuntratt mal-kuntrattur Euro Clean Ltd, li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, intemm it-terminu tiegħu;**

**Billi l-Kunsill għamel sejħa għall-offerti (17/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, kif ukoll mill-Kunsill fis-seduta Nru. 78 tat-28 ta' Novembru 2012;**

**Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2013, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052; u**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta` aċċettazzjoni lis-Sur Antoine Fenech (A.A.F. Services) u eventwalment jiġi ffirmat kuntratt illi jipprovdi għas-**

**servizz imsemmi, għal perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2012, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta. (T/4/6/Vol IV)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

## 11.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech illi tgħid:

**"Billi skada l-kuntratt li jipprovdi għall-istampar tal-magazin li jippubblika l-Kunsill minn żmien għal żmien, mal-kuntrattur Communique Creative Ltd, skada;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 18/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, *setting* u stampar tal-magazin "Mill-Qiegħa" flimkien mas-suppliment għat-tfal, kif ukoll dwar illegar ta' dokumenti;**

**Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2013, taħt il-kont Nru. 2970; u**

**Billi fir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-istamperija Gutenberg Press Ltd;**

**Jirriżolvi illi għanda tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lid-ditta msemmija, skont il-prezzijiet mogħtija fil-*bill or quantities* anness mad-dokument ta' l-offerta, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` tliet snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2013 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.".** (P/3/2/Vol IV)

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (20/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ u girna lill'hinn minn Triq ir-Raded fil-Manikata, skont permess mogħti mill-MEPA - PA 0023/12;**

**Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2013, taħt il-kont Nru. 7526; u**

**Billi skont ma jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, kif ukoll mill-Kunsill fis-seduta Nru. 78 tat-28 ta' Novembru 2012, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Salamanda Ltd;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/4/26)**

12.1. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 13.1. Sejħa 19/2012 – Servizz ta' *Contracts Management* fuq l-Operat tal-Kunsill in Ġenerali u Servizzi Anċillari (K/6/5/2)

13.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti li tinvolvi l-ġbir ta' skeda li turi r-rati kkwotati miż-żewġ offerenti applikati fuq kont ta' proġett partikulari. Is-Segretarju spjega li r-rati offruti mill-Perit J. Attard u dawk ta' M.P. & D.C. Ltd ġew applikati fuq is-servizzi peritali marbuta mal-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa, li kien jinvolvi spiża relattivament kbira, li bl-esklużjoni tal-*VAT* u l-*Contract Management Fee*, kienet tammonta għal €377,482. Dan bil-għan illi d-differenzi li jistgħu jkun hemm joħorġu aktar ċari. Dan id-dokument tqassam waqt is-seduta.

| | Tendered Rates | | Rates Applied on specified project expenditure | |
|---|---|---|---|---|
| *Tenderer / Description of Service* | *Perit Joseph Attard* | *M.P. & D.C. Ltd* | *Perit Joseph Attard* | *M.P. & D.C. Ltd* |
| *Development of design, drawing up, and preparation of drawings for application leading to the issue of a development permission – including explanatory meetings with Councillors* | *1.00%* | *1.10%* | *€3,774.82* | *€4,152.30* |
| *Preparation of working and detailed drawings, including specifications and budget estimates* | *0.50%* | *0.50%* | *€1,887.41* | *€1,887.41* |
| *Detailed bills of quantities by trade including prices* | *0.75%* | *0.50%* | *€3,057.58* | *€2,038.39* |
| *Project management involving day-to-day supervision of projects of more than €465,875 in value* | *0.70%* | *0.60%* | *€2,642.37* | *€2,264.89* |
| | | | ***€11,362.18*** | ***€10,342.98*** |

13.3. Wara li l-Kunsill ra u ddiskuta t-tagħrif kollu miksub, iddeċieda li l-kuntratt għandu jingħata lill-Perit Joseph Attard, fuq il-kriterji segwenti:

- Minkejja li seba' mill-ħdax-il rata kkwotata mill-Perit J. Attard huma iktar minn dawk mitluba minn M.P. & D.C. Ltd, il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-esperjenza wriet li wħud minnhom rari, jew qatt ma jintalbu, kif irriżulta fil-każ tad-drittijiet professjonali marbuta mal-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, imsemmi fil-13.2. aktar 'il fuq. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni wkoll in-nefqa fuq dan it-tip ta' proġett kienet eċċezzjoni u normalment il-proġetti tal-Kunsill ikunu jinvolvu inqas spejjeż. B'dan il-mod id-differenza bejn iż-żewġ offerenti tonqos sewwa.
- Li l-kuntratt huwa essenzjalment wieħed li jinvolvi servizz ta' *contracts management* fuq l-operat tal-Kunsill in ġenerali, fejn is-servizzi l-oħra huma sekondarji u ma tinqalax il-ħtieġa tagħhom fuq bażi regolari, partikularment f'dak li jirrigwarda proġetti kapitali tal-kalibru msemmi fil-minuta 13.2;
- L-ispiża annwali għas-servizz tal-*contracts management* ikkwotat minn M.P. & D.C. Ltd (€19,499) hija iktar mid-doppju ta' dak ikkowotat mill-Perit Joseph Attard (€8,400) u din ser tibqa' għaddejja tul it-tliet snin tal-kuntratt;
- Minkejja li M.P. & D.C. iddikjaraw li ser jassorbu l-ħlas tal-*Post Contruction Conditions Reports* fir-rata annwali ralata mal-*Contracts Management Fee*, il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li matul l-2012 intalbu sbatax-il wieħed minnhom, li bir-rata kkwotata mill-Perit J. Attard, jinvolvu spiza ta' €702.10 bil-VAT, liema rata mhux meqjusa tant sinifikanti;

## 14.1. Sejħa 21/2012 – Rinovar tal-Fond sabiex jintuża bħala Estensjoni għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)

14.2. Is-Segretarju għarraf li t-*Tender Adjudication Board* kien għadu ma kkonkludiex l-evalwazzjoni tiegħu dwar l-offerti li saru, peress li ntalbu kjarifiki u kampjuni tal-materjal ikkwotat.

## 15.1. Ftehim dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/11)

15.2. Kif kien mitlub fis-seduta preċedenti s-Segretarju ressaq rendikont ta' ammonti li nħareġ kont dwarhom mill-Kunsill lill-Green MT Ltd. Dawn kienu jikkonsistu f'€1,590 bħala spejjeż amministrattivi li jirriżultaw mill-ftehim preċedenti. Huwa qal li kien hemm *sponsorship* ta' €700 li tħallsu b'rabta ma' Jum il-Kunsill 2012 u €1,000 li tħallsu direttament għall-kunċert tat-*tribute band* ABBA Gold, bħala parti minn Milied Mellieħi 2012. Ġie spjegat li l-

kontribuzzjoni totali għall-2012 kienet ta' €11,326.15. L-*administration fee* ma ntalbitx għas-sena 2011, peress li kienu tqassmu l-boroż lir-residenti, bħala parti minn kampanja ta' edukazzjoni.

15.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrimarka li la darba l-ftehim għas-snin 2013/2014 ma ġiex iffirmat sa Diċembru 2012, il-Kunsill kien ser jitlef is-somma ta' €1,000. Huwa rrefera wkoll għall-proposta tal-ftehim imressaq minn Green MT Ltd, fejn u kkummenta li ċerti proposti illi saru fl-istess dokument huma ferm dubjużi, fosthom:

- It-tindif tal-*bring in sites* jsir ġurnata iva u oħra le;
- It-tqassim tal-boroż il-griżi fl-2010 jiswa €460 fil-ġimgħa;

15.4. Is-Sindku kkummenta li l-benefiċċji illi nkisbu bil-ftehim preċedenti kienu diversi, fosthom li żdiedu b'mod sinifikanti n-numru ta' *bring in sites,* partikularment qrib ix-xtut u fiż-żoni tal-*boathouses*, *bins* għas-separazzjoni tal-iskart fuq ix-xtut u kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart matul is-Sjuf 2011 u l-2012 fl-Għadira. Ingħata *sponsorship* b'rizq diversi attivitajiet li kien involut fihom il-Kunsill fl-2010 u l-2011, bħal ma kien il-proġett *Let's Art* fil-Polonja, l-Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi.

15.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-*isponsorship* li ngħata u kontribuzzjonijiet oħra huma affarijiet sekondarji, għaliex wieħed għandu jikkonċentra aktar fuq il-kwalita` tas-servizz dwar il-ġbir tal-iskart reċiklabbli *per se*`. Kemm-il darba m'hemmx ilmenti dwaru, il-Kunsill għandu jipproċedi bl-iffirmar tal-ftehim il-ġdid.

15.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi reġa' intervjena billi ppropona li l-*administration fee* għax-xhur ta' Sajf għandha tkun iktar minn €30 fil-ġimgħa. Huwa ppropona wkoll li l-lotterija li tittella' kull xhar fost il-lokalitajiet kollha msieħba fl-iskema, għandha tkun tikkonsisti fi premju €100 kull xahar f'kull lokalita`.

15.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-kumpanija Green MT Ltd għandha tintalab tissottometti t-test sħiħ tal-ftehim, possibilment bl-emendi proposti fil-minuta 15.6.

## 16.1. Toroq fil-programm ta' Transport Malta (T/4/7/Vol III) (E/1/3/Vol IV)

16.2. Is-Sindku R. Cutajar għarraf li Transport Malta bdiet ix-xogħol fuq Triq Mons. Ġużeppi Schembri, filwaqt li eżatt warajhom hemm Triq il-Mellieħa (biswit Misraħ il-Parroċċa – Manikata), Triq il-Fuħħar fil-Manikata, Triq it-Trill u Triq il-Qasab.

16.3. Is-Sindku ppropona li hekk kif jitlesta x-xogħol fuq Triq il-Mellieħa, Misraħ il-Parroċċa jkun jista' jingħalaq għat-traġitt ta' vetturi li jeħtiġilhom jgħaddu mill-Manikata. Dan jista' jsir permezz ta' *bollards*. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

16.4. Huwa qal ukoll li x-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa mistenni li jitlesta fl-ewwel ġimgħa ta' Frar 2013.

16.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li bħala parti mix-xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa, qed isir t-twessiegħ tal-parti ta' barra fi Triq il-Mellieħa, faċċata tal-*petrol station*. Huwa ġibed l-attenzjoni li issa fadal parti qasira li jeħtieġ titwessa' wkoll, billi jinqata' l-blat li fadal. Għaldaqstant huwa ppropona li għandha ssir talba lil Transport Malta f'dan is-sens. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

16.6. Is-Segretarju għarraf li qed issir il-kordinazzjoni meħtieġa sabiex isiru *ducts* għad-dwal fi Triq il-Qasab u Triq Mons. Ġużeppi Schembri.

16.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll approva t-tqegħid ta' *ducts* imsemmija fil-minuta 16.3.

## 17.1. Proġett dwar il-*Heritage Trail* f'Selmun (P/10/3/Vol II)

17.2. Is-Segretarju ressaq Skeda ta' pagamenti approvati mill-Agenzija tal-Pagament (Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali) matul l-2012 b'rabta mal-proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun. Huwa spjega li kien hemm €333,146.37 li ġew effettwati taħt il-Miżura 313 u €165,151.02 taħt Miżura 323. Stqarr ukoll li t-total tal-ħlasijiet li saru sa' Diċembru 2012 ilaħqu €498,297.39 biex b'hekk jifdal bilanċ ta' €553,460.24 mis-somma allokata ta' €1,069,282.63.

17.3. Il-Kunsill il-pagamenti li saru.

**AĠĠORNAMENT**

L-ewwel parti tas-Seduta spiċċat fl-10.00pm u ġie deċiż li għandha titkompla nhar t-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 fis-7.00pm

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**